KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 466 (9-10)

It-Tnejn 13 ta' Jannar 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Albert Pace
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Dominic Grech

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**466.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**466.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**466.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 465. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Christopher Farrugia ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**466.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mill-Minuti.

**466.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**466.3.1** Skema ta' fondi SPI/SCI/04/2024

Is-Sindku informa li dalgħodu saret il-preżentazzjoni tal-kuntratt tal-iskema SPI/SCI/04/2024 Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali, wieħed mill-proġetti għal żieda ta' siġar fil-lokalita'. Hu qal li b'dan il-proġett ser inkunu qed nagħmlu ringiela ta' siġar indiġeni fejn bħalissa hemm blat fi Triq Blat il-Qamar lejn iċ-ċimiterju Ta' Brija. Is-Sindku qal ukoll li qegħdin f'kuntatt ma' Ambjent Malta biex jagħtuna ammont ta' siġar mdaqqsin għat-tul kollu ta' Triq Salvu Borg Olivier.

**466.3.2** Fdalijiet tal-Palk biex jiġi mormi

Is-Sindku qal li fl-istore tal-kunsill hemm merfugħ dak li fadal mill-palk li kien jintuża fl-attivitajiet snin ilu u li llum minħabba risk assessment u siġurta' m'għadux f'kundizzjoni li jintuża. Hu qal li iktar vjabbli li palk jiġi mikri. Is-Sindku propona li dan jiġi dispost anka biex jagħmel spazju.

**466.3.3** Attivitajiet tal-Milied

Is-Sindku qal li din hija l-ewwel Seduta wara l-attivitajiet tal-Milied, għalhekk irringrazzja lil kull min ta' sehemu biex l-attivitajiet setgħu ikunu suċċess, b'mod speċjali grupp ta' voluntiera, l-ħaddiema kollha tal-kunsill u l-kunsilliera. Is-Sindku rringrazzja lill-Viċi Sindku u l-kunsilliera Christopher Farrugia u Charles Vassallo li kkoordinaw il-ġirja fl-assenza tiegħu peress li dak inhar kien indispost. Hu qal li din il-ġirja saret l-ewwel darba u kien hemm 288 parteċipant. Hu qal li minn din l-attivita' biss inġabru €3200 għad-Dar tal-Providenza, b'riżultat li din is-sena ingħatat somma stupenda lil din id-Dar.

**466.3.4** Programm Jum is-Siġġiewi

Is-Sindku qal li bdiet it-tħejjija għall-programm ta' Jum is-Siġġiewi. Bħalissa hemm konferma għas-serata fit-8 ta' Marzu. Hu qal li fl-1 ta' Marzu, Jum is-Siġġiewi, ser tittella attivita' tal-karnival b'kollaborazzjoni mal-Ħbieb Dar tal-Providenza, iffinanzjata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-qliegħ imur għad-Dar tal-Providenza.

Is-Sindku qal li s-sottokumitat organizzattiv issuġġerixxa li jingħataw unuri maqsuma f'kategoriji skond id-dikasteri, f'oqsma partikolari. Hu qal li għalhekk persuna jew tnejn li jkunu eċċellaw f'xi qasam partikolari jingħataw l-Onorefiċenza. Is-Sindku qal li qed jiġi propost ukoll li jingħataw rikonoxximenti lejn xi ħidma partikolari favur is-Siġġiewi jew in-nies tiegħu. Is-Sindku propona li min ser jinnomina għandu jibgħat l-isem u informazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv fejn imbgħad l-ismijiet jitressqu għad-diskussjoni u approvazzjoni f'Seduta b'urġenza. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan, u kien hemm qbil li s-Seduta b'urġenza ssir it-Tnejn 3 ta' Frar.

Is-Sindku qal li bejn is-26 u d-29 ta’ Marzu ser isir il-ftuħ tal-proġett CERV, Echogreen, li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi huwa leader tiegħu, u bil-parteċipazzjoni ta’ seba’ muniċipalitajiet ewropej u sitt NGOs fosthom Universitajiet. Hu qal li ser jiġi iffirmat ċertifikat ta’ fratellanza għal din il-ħidma bejn it-13 il-pajjiż, wara kunċert fil-Knisja Parrokjali, u wara jsir riċeviment fiċ-ċentru ċiviku. Hu qal li huwa unur li l-Kunsill ikollu proġetti ta’ dan il-livell u ħeġġeġ lill-kunsilliera jkunu preżenti għall-programm.

**466.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**466.4.1** Il-Kunsillier Francine Farrugia staqsiet jekk konniex irċevjena riġward l-estensjoni tal-proġett Mobility u l-pre-financing. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġebet fin-negattiv.

**466.4.2** Il-Viċi Sindku staqsa jekk ġewx riċevuti iktar stimi għall-konservazzjoni tal-istatwa ta’ San Pawl. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għandhom jaslu dil-ġimgħa.

**466.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**466.5.1** Il-Viċi Sindku qal li l-attivitajiet tal-Milied kienu suċċess. Hu qal li saret laqgħa mal-helpers għal segwitu fejn saru suġġerimenti għal titjib għall-attivita’ li jmiss. Hu qal li issa twaħħlu t-tabelli ta’ Merħba u jonqos it-tabella ta’ Għar Lapsi, u terġa teħel it-tabella tat-Trejqa Nżul ix-Xemx peress li saritilha ħsara bir-riħ. Il-Viċi Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier Dominic Grech żaru il-Knisja l-Qadima mal-Perit ta’ Heritage Malta biex jistħarġu l-possibilta’ ta’ restawr tal-ħsarat iżda għalissa m’hemmx skemi mifuħin. Hu qal li għandha tiġi identifikata il-ħsara biex ma tkomplix tiddeterjora. Rigward ħarġiet kulturali mensili, huwa qal li qed jitkellem ma’ Dun Nikol Aquilina għall-kollaborazzjoni.

**466.5.2** Il-Kunsillier Francine Farrugia qalet li l-librerija fil-miftuħ ta’ Ġnien is-6 ta’ Diċembru qegħda tintuża, u jidher li hemm kotba nieqsa iżda żdiedu oħrajn. Hija qalet li f’Marzu ser issir preżentazzjoni ta’ ammont ta’ kotba lill-librerija. Hija qalet li l-istudenti tal-Ecoskola qegħdin jaħdmu fuq heritage trail. L-applikazzjoni għall-korsijiet tal-Lifelong Learning għas-sena 2025/26 ġiet sottomessa u bdew ukoll sezzjonijiet oħra ta’ Zumba, pilates u tal-kitba bil-malti. Hija qalet li tqassmet konsenja ta’ ikel tal-qtates lill-feeders mill-vouchers li ma kienux inġabru. Hija tablet il-possibilta’ ta’ tabelli edukattivi biex is-sidien tal-klieb jiġbru l-ħmieġ, speċjalment fit-toroq qrib l-iskola u fit-triq tal-family park.

**466.5.3** Rigward il-ħmieġ tal-klieb, il-Kunsillier Albert Pace issuġġerixxa li jiġi mkellem l-kap tal-iskola għal possibilta’ ta’ wiring jew xibka mal-konok.

**466.5.4** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li t-tindif tat-toroq rurali miexi tajjeb u t-tindif isir skont skeda mogħtija lill-kuntrattur. Hu qal li qed isiru follow-ups u l-ilmenti naqsu ħafna. Rigward il-kuntratt tal-knis, huwa qal li llum beda jopera l-kuntrattur il-ġdid. Hu qal li l-kuntrattur ta’ qabel ser jibqa jopera sal-aħħar tax-xahar fejn ser ikun qed jagħmel ħasil f’diversi toroq. Rigward l-applikazzjoni għal waste Reduction Week huwa qal li r-riżultati joħorġu fix-xhur li ġejjin. Rigward id-dekasteru saħħa, hu qal li qed jikkoordina biex isiru sezzjonijiet dwar aspetti differenti ta’ prevenzjoni, dentistrija, u anka saħħa mentali. Huwa qal li qed isiru is-sezzjonijiet dwar finanzi ‘Ġemma’ nhar ta’ Ġimgħa. Rigward installazjoni ta’ CCTVs huwa qal li issa l-cameras ġew konnessi u qed isegwi mill-qrib mal-awtoritajiet biex jinħarġu taħrikiet. Il-Kunsillier Vassallo qal li qed isir sforz kollettiv biex jingħataw servizzi tajbin ta’ tindif u kontroll ta’ abbuż ta’ rimi illegali. Il-Kunsillier Vassallo qal li b’koordinament maċ-Ċentru Anzjanita’ Attiva’ ser isir festin ta’ San Valentinu għall-anzjani fl-14 ta’ Frar, anka dawk li ma jattendux id-day centre.

**466.5.5** Il-Kunsillier Albert Pace qal Ii qed isegwi il-każijiet pendenti mal-Arms, speċjalment dawk li jieħdu fit-tul. Hu qal li qed isegwi mal-amministrazjoni installazjoni ta' iktar dwal fi Triq Mons Mikiel Azzopardi, hu qal li għalkemm hemm talba ġenerali mir-residenti biex jiżdied id-dawl, anka peress li kien hemm xi serq, pero ħadd ma aċċetta li teħel bozza mal-faċċata ħlief wieħed. Qed naraw il-possibilta' li teħel arm ma' arbli eżistenti. Hu qal li kellu laqgħat mad-Dipartiment tat-Turiżmu rigward proġett ta' riġenerazzjoni fil-bajja ta' Għar Lapsi, fosthom manutenzoni tal-bankijiet u bins, upgrade in ġenerali tan-naħa t'isfel tal-bajja u fuq proġett *long term*; it-taraġ, u bankina mil-lattrina sar-reverse osmosis. Hu semma wkoll it-tindif fix-xhur tas-sajf inkluż tal-lattrina u ftuħ iktar fit-tul.

**466.5.6** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li l-maratona tal-aħħar tas-sena kienet suċċess u rringrazja liż-żewġ atleti Siġġiwin li ħarġu bl-idea u ħadmu biex din l-attivita' isseħħ. Hu qal li din it-tiġrija intlaqgħet tajjeb ħafna u għandha tidħol fil-kalendarju ta' attivitajiet. Hu qal li qed jikkoordina mar-Reġjun Punent għal tournament tal-futbol fl-1 ta' Marzu.

**466.6 Aġġornament - Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**466.6.1** Proġett Reading Garden

Is-Sindku informa li minn laqgħa li saret ma' Project Green dwar il-proposta tar-Reading Garden jidher li hemm prospetti tajbin. Hu qal li l-proposta kif imressaq tolqot il-kriterji kollha u l-fatt li diġa hemm il-permessi maħruġa hija favorevoli. Hu qal li għaddejna l-informazjoni kollha li intlabna. L-istima ta' dan il-proġett tilħaq it-€300 elf. Is-Sindku qal li għal dan il-proġett hemm approvat finanzjament ta' €60 elf biss mil-LESA, u li allura qed naraw sorsi oħra għal finanzjament biex issir l-implimentazjoni. Is-Sindku qal li flimkien mal-amministrazjoni qed naraw jekk issirx talba għal tibdil tal-proġett għall-fondi tal-LESA.

**466.6.2** Proġett fil-Wied mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbuġ

Is-Sindku qal li għaddej b'taħdidiet mas-Sindku ta' Ħaż Żebbuġ għall-proġett f'wied Ħesri bejn iż-żewġ konfini, b'numru ta' inizjattivi ta' prijorita' għall-pedestrians u min juża r-roti mill-pont sa Ħaż Żebbuġ, railing tal-injam, tabelli informattivi, u naraw fejn jistgħu isiru bankijiet. Hu qal li ġie ssuġġerit tabelli 'except for land owners' biex jitnaqqsu l-vetturi u naġevolaw iktar mixi. Huwa stmat nefqa ta' madwar €5 elef kull Kunsill.

**466.6.3** Family Park

Is-Sindku qal li qed ngħafsu biex dan il-proġett, li issa ittawwal iżżejjed jiġi magħluq. Hu qal li l-proġett tal-wiċċ ta' triq minn Infrastructure Malta ġie maqsum fi tnejn peress li fadal jgħaddu il-cable tad-dawl fil-parti ta' wara li tieħu għal wied. Hu qal li f'kull stadju saru kontrolli minn Heritage Malta. Hu qal li llum bdiet iż-żebgħa tal-parti fejn ġej il-proġett ta' simulazzjoni tat-traffiku, issa imiss li titpoġġa l-ħamrija fil-parti ta' faċċata u jitħawlu is-siġar. Hu pjanat li l-proġett jingħalaq fl-aħħar ta' Frar. Is-Sindku qal li għalkemm ilu jitlob kopja tal-ftehim iffirmat lill-Indis minn meta beda fil-kariga iżda sal-lum jidher li dan il-ftehim għadu ma nstabx. Is-Sindku qal li qabel il-Kunsill ikun jaf x'obbligi għandu, mhux ħa jaċċetta inkarigu ta' dan il-ġnien.

**466.6.4** Ġnien Ramija

Is-Sindku qal li kiteb lid-Direttur ġenerali dwar id-dewmien u biex dan il-ġnien jitlesta. Huwa qal li nhar l-Erbgħa li ġej fit-8.30am ġiet imsejħa laqgħa fuq il-post mas-suppliers u l-kuntratturi kollha involuti.

**466.6.5** Xogħolijiet mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet

Is-Sindku qal li t-tieni lot (Triq Salvatore mallia, triq Dun Anton Vella eċċ.) ta' bankini issa lest ukoll. Lot 3 (Triq il-Wied, Papa Pawlu, eċċ) ser jitkompla din il-ġimgħa u Lot 4 (quddiem il-garagxxijiet tal-binja Ramija) qegħdin f'diskussjoni jekk hix ser issir konkos jew asfalt. Qed nistennew ukoll data ta' meta ser jibda x-xogħol, ħalli jiġu infurmati is-sidien tal-garaxxijiet. Is-Sindku qal li ġew sottomessi Lot 5 u Lot 6 fis-sistema u qegħdin quddiem il-bord tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet għall-evalwazzjoni.

**466.6.6** Il-Kunsillier Charles Vassallo staqsa meta ser isir ix-xogħol ta' patching estensiv fi Triq Ġużeppi Busuttul. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol kellu jsir mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet iżda jidher li kien hemm xi diżgwid mal-kuntrattur u x-xogħol mhux ser isir imminenti. Is-Sindku propona li dan ix-xogħol isir mill-Kunsill anka peress li hemm nuqqas ta' aċċess għall-garaxxijiet.

**466.6.7** Is-Sindku qal li x-xogħolijiet ta' wiċċ ta' triq minn Infrastructure Malta skond il-pjan propost mill-Kunsill, imiss Triq Blat il-Qamar, wara li tingħata Triq Salvu Borg Olivier. Wara hemm parti minn Triq it-Tabib Nikola Zammit, Triq iż-Żerniq, l-Għid u l-Muża. Hu qal li qed jistenna konferma dwar dawn.

**466.6.8** Is-Sindku talab li tintbagħat tfakkira lill-Infrastructure Malta dwar il-mozzjoni ta' Triq Bur il-Kbir.

**466.6.9** Xogħolijiet infrastrutturali mill-Kunsill Lokali

Is-Sindku qal li bħalissa għaddejjin xogħolijiet ta' tranġar ta' bankina f'Wesgħat il-Palazz u żewġ zebra crossings fi Triq Dun Manwel Zammit. Hu qal li hemm oħra approvata diġa iżda hemm bżonn tiswija ta' parti ta' bankina lejn Triq Papa Pawlu VI u ser nirpovaw li titkompla max-xogħol tad-Dipartiment. Is-Sindku qal li hemm ukoll xi patching urġenti x'isir.

**466.6.10** Talba għal-laqgħa

Is-Sindku propona li tintalab laqgħa urġenti mac-CEO ta' Infrastructure Malta rigward, toroq pjanati fiż-żona residenzjali tas-Siġġiewi, u biex ikollna aġġornament dwar it-talba li għamel il-Kunsill biex titwessa Triq Bur il-Kbir u Triq l-Imqabba.

**466.6.11** Proġett taħwil ta' siġar

Is-Sindku qal li qed naħdmu biex jinħareġ tender ta' taħwil u tisqija. Sadattant, qed inħawlu iktar siġar, fejn fil-31 ta' Jannar ser issir attivita' mal-Iskola Primarja, li din kellha ssir f'Novembru li għadda iżda ma saritx minħabba maltemp, u attivita' oħra ta' tħawwil maħsuba għal Marzu. Hu qal li hemm oħrajn pjanati mat-tfal tal-iskola, fost oħrajn.

**466.7** **Proposta temporanja ta' immaniggjar ta' traffiku fi Pjazza San Nikola**

**466.7.1** Is-Sindku informa li t-tabelli approvati minn Transport Malta, u kif mitluba mill-Pulizija biex ikunu jistgħu jinfurzaw, 'Parking within the lines', ġew ordnati. Hu qal li qabel jitwaħħlu għandhom jiġu avżati ir-residenti u ħwienet u jittella avviż fuq il-midja soċjali. Il-ġimgħa d-dieħla ser isir ukoll refreshing tal-linji kollha tal-pjazza. Is-Sindku qal li għandha tintalab laqgħa wkoll mas-Supretendent u mal-LESA dwar l-infurzar. Il-Kunsillier Albert Pace qal li l-Kunsill xorta għandu jatwa l-parkeġġi fi Triq Mons Mikiel Azzopardi kif semma f'Seduta preċedenti. Is-Sindku qal li din hija suġġett għall-approvazzjoni minn TM u anka 'il quddiem ser jiżdiedu numru ta' parkeġġi jekk jitwettaq il-proġett propost 'Vjal Kulħadd'.

**466.8** **Performance Bonus tal-Impjegati klerikali u tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena ta' ħidma 2024**

**466.8.1** Is-Sindku talab lis-Segeratarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv proponiet li l-membri tal-istaff amministrattiv jingħataw il-massimu tal-persentaġġ tal-performance bonus. Hi qalet li kollha kemm huma jagħtu il-massimu tagħhom minkejja l-volum ta' xogħol. Hija qalet li minkejja qegħdin ftit bħala riżorsi umani, kulħadd jagħti l-massimu tiegħu u jaħdem bħala team biex ix-xogħol jingħata bl-aħjar mezz. Il-Kunsillier Charles Vassallo irringrazja l-istaff amministrattiv u qal li japprezza ħafna x-xogħol li jwettqu anka meta il-pubbliku ma jirrejallizzawx x'ikun qed isir. Is-Sindku propona li l-istaff jingħataw il-massimu kif stabbilit. Il-Kunsill unanimament qabel.

**466.8.2** Is-Sindku propona li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata il-massimu tal-performance bonus kif stabbilit. Hu rringrazjaha tax-xogħol li tagħmel fi ħdan il-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva.

**466.9** **SPI/SCI/01/2025 – Korsijiet Lifelong Learning 2025/2026**
Is-Sindku talab lill-Kunsillier Francine Farrugia tispjega. Il-Kunsilliera Farrugia qalet li b'koordinament tal-uffiċċju, qed tiġi sottomessa din l-applikazzjoni għall-diversi suġġetti fosthom: Sewing Basics, Crochet, Maltese Bobbin Lace Making, Digital Skills, Maltese as a Foreign Language, Health, Wellbeing and Successful Ageing. Hija qalet li dawn isiru a bażi tan-numru ta' reġistrazzjonijiet. Barra il-korsijiet taħt din l-iskema, ser isiru wkoll is-sezzjonijiet ta' Zumba u pilates, ikompli l-kors tal-arti għat-tfal u is-sezzjonijiet ta' kitba bil-Malti ġentilment offruti mingħajr ħlas mis-Sur Nikol Bezzina.

**466.10** **Impjieg ta' front-Office Clerk fuq skala 15 – Rapport tal-bord**
Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wara li saru l-interviews lill-kandidati prospettivi għal din il-vakanza, fejn sarulha mistoqsijiet dwar diversi kriterji, il-bord jirrakkomanda l-impjieg tas-Sa. Ann Marie Cassar. Hija qalet li dan qed jiġi kkomunikat lid-Dipartiment u lil Jobsplus u wara l-approvazzjoni, s-Sa. Cassar tista' tibda l-impjieġ tagħha fit-3 ta' Frar 2025.

**466.11** **Stimi għal xogħol ta' taħwil u tisqija ta' siġar**
Is-Sindku informa li beda l-proċess biex isiru l-ispecifications tat-tender. Hu qal li sadattant, għandna nidentifikaw żoni fejn jista' jsir taħwil. Dan it-tender ma jinkludix biss it-taħwil, imma wkoll it-tisqija u manutensjoni għal perjodu. Il-Kunsillier Albert Pace semma barriera fiż-żona magħrufa bħala Tal-Ġibjun li dan l-aħħar ingħatat lura l-Gvern b'sentenza mill-qorti, biex nesploraw jekk tistax issir masġar.

**466.12** **Preparazjoni għal-laqgħa tal-lokalita 2025**

**466.12.1** Is-Sindku qal li fid-29 ta' Jannar ser issir il-laqgħa Annwali għar-residenti skond il-leġislazzjoni tal-Kunsilli Lokali. F'din il-laqgħa ser jiġu preżentati l-estimi finanzjarji u l-pjan ta' ħidma għas-sena 2025, kif ukoll ser issir konsultazzjoni dwr il-proposta għat-traffiku u ż-żona urbana fi Pjazza San Nikola, Triq San Ġakbu u Triq il-Knisja l-Qadima, fejn wara nilqgħu il-kummenti u suġġerimenti ta' dawk preżenti.

**466.12.2** Is-Sindku qal li huwa rikjest ukoll minn Kap. 363, li ssir laqgħa pubblika oħra f'April, fejn jiġi preżentat rapport amministrattiv u l-ħidma ta' kull kunsillier permezz tad-dikasteri li ġew assenjati lilu. Is-Sindku propona li din il-laqgħa tinżamm fit-23 t'April 2025. Il-Kunsill qabel li tinżamm f'din id-data.

**466.13** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**466.13.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**466.13.2** Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni fuq applikazzjoni PA/05060/23, fi sqaq numru 1, Triq il-Parrocca, Siggiewi, ‘*Proposed change of use from residence to wine bar (class 4C). Application also includes minor internal alterations and proposed shop sign*’ fejn qal li avviċinawh diversi residenti li huma prejokkupati. Is-Sindku qal li l-Awtorita’ tal-Ippjanar tieħu d-deċiżjoni skond il-policy. Il-Bord ser jitlaqqa fl-24 ta’ Jannar.

**466.14 Rapport tal-Korrispondenza**

**466.14.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**466.14.2** B’referenza għat-talba ta’ uffiċċju tal-posta fil-lokalita’, hemm informazzjoni li fil-ġranet li ġejjin, is-sub post office ser ikun iservi minn ġewwa negozju fi Triq it-Tabib Nikola Zammit.

**466.15 Rapport tal-ilmenti**

**466.15.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**466.16 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti**

**466.16.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**466.17 Items oħra ta’ xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**466.17.1** Il-Kunsillier Albert Pace talab li jsiru road humps fi triq ta’ Wied Hesri int u tiela lejn Sqaq in-Nadur. Is-Segretarju Eżekuttiv talbitu pjanta mmarkata biex tkun tista ssir it-talba lil Transport Malta.

**466.17.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li t-telgħa wieqfa lejn Ta’ Żuta hemm bżonn isir xi żebgħa non slip jew scarifying.

**466.17.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li d-dwal tat-triq fl-inħawi tal-iskola qed jibqgħu mixgħula, hija talbet ukoll refreshing tas-sinjali fi Triq it-tabib Nikola Zammit, in-naħa tal-iskola.

**466.17.4** Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni dwar dawl bil-ħsara fi Pjazza San Nikola quddiem dar Ommna Marija, u fil-Ġnien 6 ta’ Diċembru.

**466.18 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta’ filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 17 ta’ Frar 2024 fis-6.00 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum 17 ta’ Frar 2025

Il-Perit Julian Borg
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv